**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2023**

**Rikors Nru : 299/2023 JPG**
**Kawza Nru : 32**

**YS**
**u**
**SM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 23 ta Mejju 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) bir-rit Civili ġewwa l-Muzew Marittimu, il-Birgu, Malta, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elfejn erbgħa mija u tnax tas-sena elfejn u sbatax (2412/2017) u dana skond ċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala* **Dokument A***;*

*Illi f'dan iż-żwieġ ma' twieldu l-ebda tfal;*

*Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom jgħixu separatament minn xulxin minn Jannar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u ssussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod uffiċjali u legali permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Elaine Farrugia datat l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (01.11.2022) liema*

*kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument B***;*

*Illi llum il-ġurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent u l-intimata jirrikonċiljaw stante li ilhom jgħixu separatament għal dan l-aħħar sena u erbgħa xhur (1 year 4 months). In oltre illum il-ġurnata għandhom ħajja separata minn xulxin u addirittura hemm rabtiet oħrajn ma' persuni oħra, fejn Yanika Spiteri għandha ukoll tifla ma' persuna terza;*

*Illi in oltre l-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reċiproku a favur ta' xulxin;*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li dan iz-zwieġ għandu jigi maħlul;*

*Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ottjenimnet tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***Għaldaqstant,*** *u in vista tas-suespost, r-rikorrenti qiegħdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti li joġobgħa,*

1. *Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn YS  u SM u tiddikjara z-zwieġ tagħhom maħlul ai termini  ta' l-Artokoli 66A et seq tal-Kodici Civili;*

2. *Tordna lir-Reġistartur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**YS xehdet** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Dicembru 2017, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia datat nhar 1 ta' Novembru 2022 izda ilhom separati de facto sa minn Jannar 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**SM xehed** (vide affidavit fol 15) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Dicembru 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 4/2017 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elaine Farrugia nhar l-1 ta' Novembru 2022 (Vide fol 8 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 4/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**